**ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL**

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - Nu 61/2023 it-Tmien Leġislatura

Data: Il-Ħamis, 31 t' Awwissu 2023

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella Zammit | Viċi - Sindku | Preżenti |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Thomas Debattista | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Christian Pace | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sur Ismael Dalli | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsillier | Assenti |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**61. 1 Ittri ta' Apoloġija**

.

61.1.1 Is-Sindku semma li s-Sa. Anabelle Marmara ma nfurmatx li ma kinitx ser tattendi. Għaldaqstant, fuq proposta tas-Sindku issekondata mis-Sur Pace, is-Sa. Marmara ġiet imniżla assenti.

**61.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.60**

61.2.1 Is-Sindku ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 60 hekk kif mibgħutha mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva l-minuti hekk kif preżentati.

**61.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 50**

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

61.3.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Thomas Debattista u s-Sa. Darlene Vella ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Lulju 2023 u l-31 t' Awwissu 2023 li kienet tammonta għal €45,722.59.

**61.4 Punti mill-Minuti**

| | |
|---|---|
| **61.4.1 Segretarju Eżekuttiv – Kunsill Lokali Tarxien** | Is-Sindku semma li s-sitwazzjoni kienet għadha l-istess u li l-Kunsill Lokali kien għadu ma rċeviex ir-riżenja ta-Segretarju Eżekuttiv preċidenti. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jiddikjara li l-post tas-Segretarju Eżekuttiv huwa wieħed vakant. |
| **61.4.2 Konsultazzjoni mal-għaqdiet tal-armar – Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku semma li dan il-proġett kien mixi. Semma li l-każini tal-baned u l-għaqdiet tal-għarmar ġew ikkonsultati. |
| **61.4.3 Dawl Dekorattiv - Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku semma li r-rapport mill-espert fuq id-dawl tal-pjazza u tal-madwar kien tlesta. Is-Sindku spjega li wara laqgħa li saret ma' Infrastruttura Malta, kien ġie spjegat li IM tista' biss tinkludi d-dawl tal-parti fejn ser ikun hemm ix-xgħolijiet tal-pjazza għaddejjin minn Infrastruttura Malta. Għaldaqstant il-Kunsill ser ikollu jieħu ħsieb il-parti tal-akwist ta' dawl dekorattiv għall-isqaqin tal-madwar. Is-Sindku spjega li dan id-dawl għandu jkun l-istess bħal dak tal-pjazza u għaldaqstant, għandu jintalab permess mid-Diviżjoni sabiex ikun hemm direct order ma' l-istess kuntrattur li finalment ser ikun magħżul sabiex jagħmel id-dawl tal-pjazza. |
| **61.4.4 Proġett tal-Pjazza** | Is-Sindku spjega li peress li l-fondi li l-Kunsill ser ikun qed joħroġ għal dan il-proġett ser ikunu ġejjin mill-Planning Fund, semma li saret laqgħa mal-Planning Fund Board. Dan wara li l-Awtorita' tal-Ippjanar infurmat lill-Kunsill li ma kien għadu sar l-ebda commitment mill-Kunsillgħal Awtorita' tal-Ippjanar sabiex il-fondi jkunu allokati għall-proġett tal-pjazza.<br>Semma wkoll li waqt din il-laqgħa kien spjegat li l-Planning Fund ma jistax jiffinanzja pavimentar li jsir f' karreġjati. Għaldaqstant, jekk kemm-il darba l-Kunsill jiddeċiedi li jagħmel dan it-tip ta' pavimentar minn fejn ser ikun qed jagħddi t-traffikku, dan irrid ikun iffinanzjat mill-fondi tal-Kunsill. |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Semma wkoll li waqt l-istess laqgħa qamet ukoll l-problema li l-Planning Fund ma jistax jiffinanzja artijiet li huma devoluti lill-Arċidjoċesi ta' Malta. Għaldaqstant xogħlijiet u dawl dekorattiv li jsir fuq il-parti taz-zuntier jew f' art devoluta lill-Knisja dan ma jistax ikun iffinanzjat.
Semma wkoll li waqt l-istess laqgħa l-Kunsill ġie infurmat li tielef il-fond ta' €50,000 taħt l-iskema Sebbaħ il-Lokal. Dan għaliex dan kellu jintuża sa Diċembru 2022.
Is-Sindku semma li huwa kien jinstab sorpriż b' dawn l-aħbarijiet u anki bl-eżodu tal-laqgħa li saret mal-Awtorita' tal-Ippjanar peress li dan qatt qabel ma kien inġaba għall-attenzjoni tal-Kunsill minkejja li s-Segretarju Eżekuttiv preċidenti kien jattendi għal-laqgħat simili. Il-Kunsilliera wkoll urew id-diżappunt tagħhom.
Il-Kunsill qabel li għandhom jittkomplew id-diskussjonijiet ma' Infrastruttura Malta sabiex joħroġ ukoll il-valur ta' finanzjament li l-Kunsill irid jalloka mill-fondi tiegħu sabiex dan il-proġett jitmexxa u jitkompla. Is-Sindku semma li dan il-proġet mhux ser ikun qed jibda qabel Mejju 2024.
Semma wkoll li huwa flimkien mal-Kunsillier Thomas Debbatista kienu ltaqgħu mal-Water Services u l-Enemalta sabiex l-isqaq ta' wara l-Knisja jagħddu servizzi ġodda u jerġgħu jagħmlu l-isqaq bil-pavimentar biex ikompli mal-isqaqin l-oħra. Semma li l-Entitajiet ser ikunu qed ikopru l-ispejjeż kollha huma.

**61.4.5 Triq Kurunell Mass**

Is-Sindku semma li hemm laqgħa ma' Infrastruttura Malta u jidher li l-partijiet li sfrundaw serikunu qed isiru mill-istess Aġenzija.

**61.4.6 Rapport Finanzjarju l-Ewwel Kwart tas-Sena 2023**

Is-Sindku semma li saru diversi laqgħat bejn id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kif ukoll l-accountants sabiex isiru l-emendi li hemm bżonn sabiex l-accounts jiġu preżentati skond il-proċeduri u li jkunu juru stampa relali tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali. Semma li aktar tard fil-laqgħa ser ikun qed jiġi approvat ir-Rapport Finanzajru għat-Tieni Kwart tas-Sena 2023.

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

---

Għaldaqstant semma li r-rapport finanzarju għat-Tieni Kwart tas-sena 2023 kien ser ikun preżentat aktra 'l quddiem. Semma li d-Diviżjoni hija infurmata dwar dan.

**61.4.7 Laqgħa mal-ħaddiema**

Il-Sindku semma li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv żammet laqgħaone to one mal-ħaddiema klerikali kollha tal-Kunsill. Is-Segretraju spjegat li dawn il-laqgħat iservu sabiex il-ħaddiem jitkellmu fuq sfidi li qed jiffaċċjaw fl-ħidma tagħhom kif ukoll jiġu diskussi opportunitajiet ta' taħriġ u kif il-Kunsill jista' jkompli jgħin lill-impjegati sabiex jikbru mhux biss fil-karriera imma anki personali. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv semmiet li ser tkun qed issegwi lill-ħaddiema sabiex jattendu wkoll taħriġ li jappartjeni l-irwol tagħhom fil-Kunsill.

**61.4.8 Proġett restawr tal-Kappella ta' San Ġużepp**

Is-Sindku semma li l-proċess kien beda u li Restoration Department applika għal ~~DNO~~ Planning Authority Application. Semma li l-ispiża għal din id-DNO kellu jħallasha l-Kunsill kif kien mifthiem.

**61.4.9 Kuntrattur – Bulky Refuse**

Is-Sindku semma li kien hemm xi problemi mal-kuntrattur il-ġdid tal-bulky refuse. Semma li dawn qed jiġu indirizzati anki b' laqgħat li kienu qed issiru mal-kuntrattur sabiex is-servizz jimxi mingħajr intoppi.

**61.4.10 Skema – Clean Up**

Il-Sindku semma li l-applikazzjoni kienet suċċess u al-Kunsill kien ser jibbenifika mill-fondi.

**61.4.11 Laqgħa għal Cat Feeders**

Il-Sindku semma li kien kellem lill-kunsillier responsabbli imma kien għad m'għandux risposta sabiex issir laqgħa.

**61.4.12 Traffic Management – One Ways**

Is-Sindku semma li kienet intbgħatet ittra lir-residenti taż-żoni viċin fejn kien ser ikun hemm tabelli u sinjali ta' traffiku ġodda. Semma li dawn il-bidliet kienu ser jibdew mill-1 ta' Settembru 2023.

**ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL**

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **61.4.13 SPI/SCI/4/2023 - Finanzjament - Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati** | Is-Sindku semma li l-applikazzjonijiet kienet ġiet sottomessa. Semma li kien stmat li jsiru madwar tmien CCTVs ġewwa l-Ġnien Joanne sabiex jiġi evitat kull tip ta' vandaliżmu. Huwa semma li minkejja l-ġnien kien għadu magħluq għall-pubbliku diġa kien hemm att vandalu fuq waħda mill-bandli. Għaldaqstant is-Sindku propona li jekk kemm-il darba l-Kunsill ma jġibx fondi mill-iskema xorta waħda dawn CCTVs issiru anki minħabba l-investiment li kien sar fil-ġnien. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Debattista, il-Kunsill qabel ma' din il-proposta. |
| **61.4.14 Laqgħa Infrastruttura Malta – proġett tal-Barrani** | Is-Sindku semma li l-Kunsill kien infurmatt minn Infrastruttura Malta li l-proġett tal-Barrani għalissa huwa sospiż sabiex tinġabar aktra statistika. Semma li għandha wkoll issir laqgħa ta' konsultazzjoni mal-Kunsill qabel dan il-proġett jerġa' jiskatta. |
| **61.4.15 Laqgħa Awtorita' ta' Djar** | Is-Sindku semma li kien hemm laqgħa mal-Awtorita' ta' Djar sabiex ikun hemm għajnuna finanzjarja sabiex ikunu rinovatti żoni tal-housing fil-lokal. Semma li huwa kien semma i għandu jkun hemm rinovazzjoni fiż-żona fejn hemm l-kerrejja kif ukoll l-housing estate ta' Triq San Franġisk u Triq Ġan Anton Tanti. |

61.4.16 Il-Kunsillier, is-Sur Ismael Dalli daħal għal-laqgħa fis-18:55.

| | |
|---|---|
| **61.4.18 Latrini Awtomatiċi** | Is-Sindku semma li kien hemm laqgħa mal-Perit sabiex issir rapport tax-xogħlijiet li hemm bżonn li jsiru. Semma li ser issiru wkoll żewġ nappy changers waħda in-naħa tal-latrina użata min-nisa u l-oħra n-naħa użata mill-irġiel. Din il-proposta ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. |

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| **61.4.19 Numri ta' Bibien ġodda** | Is-Sindku semma li din l-korrispondenza kienet iċċirkulata mal-Kunsilliera. |
| **61.4.20 Fondi Norveġiżi** | Il-Sindku semma li l-proġett ta' Ġnien Joanne kien mexa ġmielu u x-xogħlijiet kollha ser ikunu konklużi sal-aħħar tas-sena. Semma li inġabru kwotazzjonijiet għas-siġġijiet u dawn ser ikunu qed jinxtraw fil-jiem li ġejjin. Semma wkoll li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv għaddejja b' diversi laqgħat mat-tim mid-Diviżjoni li jmexxu dan il-proġett. |
| **61.4.21 Ilment ta' Residenta – tkissir ta' sistema ta' dranaġġ** | Is-Sindku fakkar lis-Sur Debattista sabiex jinġabru l-kwotazzjonijiet u dan ix-xogħol issir mill-aktar fiss possibbli. |
| **61.4.22 Heritage Trail** | Is-Sindku fakkar lis-Sur Pace sabiex jagħddi kopja tal-proposta li kien preżenta fil-laqgħa preċidenti. |

**61.5 Preżentazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għat-Tieni Kwart tas-Sena 2023.**

61.5.1 Is-Sindku preżenta r-Rapport Finanzjarju li resqet id-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi spjegat mid- Deputat Segretarju Eżekuttiv.

61.5.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv daret ir-rapport kollu u tat spjega tal-qagħda finanzjarja tal-Kunsill wara li kienu saru l-aġġustamenti kollha mill-accountants sabiex terġa' tinbena chart of accounts tal-Kunsill b' mod strutturat u li turi n-nefqa tal-Kunsill b' mod aktra ċar. Dan anki wara li tneħħew xi figuri li kienu tħalsu fis-sena 2022 u ma kienux tneħħew mill-acclounts tas-sena 2023. Ikkonkludiet billi talbet lill-Kunsilliera sabiex jagħmlu referenza għall-estratt li hemm fil-bidu ta' dan ir-rapport. Semmiet li l-Kunsill kien qed jagħlaq b' surplus ta' kważi €20,000.

61.5.3 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Darlene Vella, il-Kunsill approva r-Rapport kif preżentat.

**61.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL

73, ST. MARY STREET

TARXIEN. TXN 1704

Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt

**61.6.1 Skema għall-CCTVs – Reġjun Port**

Is-Sindku semma li r-Reġjun kien ħareġ skema li l-Kunsill kien intitolat li jibbenifika minn €6,000 sabiex issiru sistemi ta' CCTVs f' żoni problematiċi speċjalment fejn jidħol skart. Is-Sindku propona li dan l-investiment għandu jsir fiż-żona tal-parkeġġ biswiet l-iskola. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**61.6.2 Skema għall-attivitajiet kulturali u lokali – Reġjun Port**

Is-Sindku semma li r-Reġjun kien ħareġ skema li l-Kunsill kien intitolat li jibbenifika minn €10,000 sabiex issiru attivitajiet fil-lokal b' kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku semma li l-Kunsill kien ser jorganizza dawn l-attivitajiet:

- Ħarġa għall-Għawdex
- Kids end of Summer Party
- Ftuħ tal-iskejjel
- Festa Ħarifa
- Tberik tal-annimali
- Festa tal-Mejtin kollha
- Festa Ħelu – l-Kunsill diġa ibbenifika minn fond taħt l-iskema tal-SPI
- Attivita' tal-Milied ġewwa l-Gnien Joanne – l-Kunsill kellu fondi mill-Fond Norveġiż

**61.6.3 Kors tal-First Aid**

Is-Sindku semma li kien ser jibda l-kors tal-First Aid iffinanzjat mill-Kunsill. Dan kien ser issir fis-sala tal-komunita' u ffinanzjat mill-Kunsill Lokali.

Is-Sur Ismael Dalli semma li huwa jinstab iddiżappuntat li minkejja li huwa l-Kunsillier responsabbli mis-Saħħa, dan it-taħriġ kien qed jiġi kkordinat mis-Sa. Darlene Vella.

Is-Sindku semma li dan kien ġie diskuss u anki approvat waqt laqgħa tal-Kunsill li kienet saret fil-bidu tas-sena. Semma li kien ser jara l-minuti tal-laqgħat u jagħti risposta fil-laqgħa li jmiss.

**61.6.4 Triq Ġanni Faure**

Is-Sindku semma li kienu ser issiru xi diversions għat-traffiku. Semma li kienet ser tintbgħat ittra lir-residenti għall-proposti tagħhom. Is-Sindku preżenta site plan kif kienet qed tiġi

*ĦAL TARXIEN LOCAL COUNCIL*

*73, ST. MARY STREET*

*TARXIEN. TXN 1704*

*Tel 00356 21666688 - Fax 00356 21666777 - email:- tarxien.lc@gov.mt*

proposta d-diversion. Site Plan annessa u mmarkata bħala Dok A.

**61.6.5 Traffic Calmers**

Is-Sindku semma li l-Kunsill talab l-approvazzjoni ta' Transport Maltasabiex jiġu installati diversi traffic calmers madwar il-lokal. Semma li l-Kunsill ġab l-approvazzjoni u ser ikun qed jiġbor il-kwotazzjonijiet.

**61.5.6 Bring in Sites**

Is-Sindku semma li kienet saret laqgħa ma' Green Mt sabiex b' konformita' mal-liġi tal-ERA l-Kunsill ipoġġi erba' settijiet ta' Bring in Sites f' żoni fil-loka. Is-Sindku semma li l-ewwel ser jibda l-proċess ta' installazzjoni ta' CCTVs li ser ikunu iffinazjati mill-Green Mt. Semma li ladarba dawn ikunu jiffunzjonaw ikunu jistgħu jitpoġġew il-bins.

**61.6 Aġġornament**

61.6.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 25 ta' Settembru 2023 fil-18:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

Joseph Abela Galea

Sindku

Lianne Cassar

Deputat Segretarju Eżekuttiv


Simark Supplies
Computer store
Triq Il Knisja
Ivy Park Tarxien
Champ Pa
Meeting Location
Triq Il Palma
59 Karlu Maratta
Tarxien, Malta
Standa II mini market
Convenience store
M L Fiteni
Confectionery
Bir Għeliem
Hot Wheels
Tire shop
Dar Nazzaret
myEPCnow -
Energy Performance...
Kutnent
Crispi
TRIQ IL-KAVALLERIJA
HAL TARXIEN
Christa's Pet Clinic
Triq Bulebel
Triq San Anard
Montebello
Faure
Dar-L- Annunzjata
Pin & Grip Hair Salon
Clip n Trim Salon
Boulevard Home Decor
Home goods store
Malta - Xuereb
Tal-Barrani
Layers
Google

Dou A.



Dok B